# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*
*Giebha żeũġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

171. | 23 ta' DICEMBRU 1911. | IR-RABA SENA



FTEHIM.

Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ũara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeũ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eũũel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.


# Esperanto

*( Continuazione )*

Avrei potuto io vergare questa conferenza senza compulsare una farragine di libri, di giornali e di corrispondenze?

I medici, per esempio, si perfezionano seguendo i progressi de' medici d'oltremare. Leggendo le riviste di due o tre nazioni risparmiano a sè stessi l'immane fatica di esperimentare tante cose, di analizzare tante sostanze, di frequentare tanti laboratorii e di perambulare tante cliniche.

Ma le loro cognizioni hanno un limite, il loro sapere viene inciampato da una ciclopica barriera. La luce sfolgorante della scienza non sgorga unicamente da quelle due o tre nazioni che seguono i medici nostri. Oggi tutti i popoli lavorano indefessamente per progredire, tutti alla piscina del sapere apportano la loro goccia d'acqua meravigliosa. Non fu il Dr: Isicigami che ci ha spedito recentemente dal Giappone l'ultimo siero conquistatore della tisi? Ma i nostri medici non possono abbeverarsi direttamente alla sorgente di tante benefiche scoperte perchè manca loro il mezzo assolutamente indispensabile—la lingua. Devono essi studiare tutte le lingue per poter seguire da vicino tutti questi progressi? Basterà loro la vita? Avranno mezzi sufficienti per farlo? Ed il tempo, lungo e doloroso, necessario per imparare tanti idiomi difficilissimi non li distoglierà dalla scienza stessa nella quale vogliono perfezionarsi?

*«Ricorreranno alle traduzioni»* mi risponderete.

Ma le opere vengono generalmente tradotte lungo tempo dopo la loro prima pubblicazione. E si farà questa traduzione? e sarà fedele? E fino a quel tempo non saranno già state sfruttate le idee? Non l'avrà messa in pratica questa scoperta il vostro collega concorrente perchè poteva di prima mano capire l'originale? E se voi siete già dotto sequendo i progressi di due o tre nazioni, non lo sarete molto di più quando avrete il mezzo per poter seguire da vicino i progressi di tutti i popoli inciviliti?

Quindi una scienza limitata per necessità di cose. Quindi o poche armi per combattere; o l'invasione del nemico nel tempo necessario per preparare le armi.

Ma ecco che sull'orizzonte del mondo scientifico spunta l'astro benefico dell'*Esperanto*. Voi, o medico, o scienziato non perderete più anni ed anni di laborioso studio per imparare le lingue di tante nazioni a voi poco interessanti. Questa chiave miracolosa, che apre tutte le porte del sapere, voi la potete acquistare con poca fatica ed a molto buon prezzo. Con poche ore di studio e gratuitamente voi potrete tra breve venir messo in contatto diretto con tutto il mondo scientifico, perchè quasi tutti i migliori scienziati d'Europa sanno corrispondere in esperanto.

Ecco la « *Internacia Scienca Revuo* » che diretta dal Fruictier di Parigi, sotto le ali protettrici del Bouchard, del Becquerel, del Brouardel, dell'Appel, del Poincaré, del Ramsay, del Foster, del Couternay e di tanti altri luminari scientifici, raccoglie, da tre anni, e da tutti gli angoli della terra le contribuzioni, le polemiche, le scoperte di tutti i primari scienziati del mondo.

Lo stesso sta facendo, già da due anni, la **«Medicina Revuo.»** Tutti i progressi fatti da' ministri della salutare arte d'Esculapio compariscono su questa diffusissima rivista; perchè a tutti quelli che fanno qualche scoperta torna proficuo di pubblicarla su una tale rassegna che fa il giro del mondo, perchè oltre il beneficio della immensa e rapida divulgazione, viene discussa da tutti l'opera loro, e risparmiano il sacrifizio

di farla passare a traverso la nojosa e spesso incerta trafila della traduzioni.

E qui mi vengono a mente le bellissime parole scritte dal Conte Tolstoi in riguardo allo Esperanto:—

« *I sacrificii che farà ogni uomo del nostro mondo euro-* « *peo nel consecrare un po' di tempo allo studio dell'Esperanto* « *sono talmente insignificanti ed i beneficii che potrebbero derivare* « *talmente immensi, che non può rifiutarsi di fare questo* « *tentativo.*»

E certamente l'illustre romanziere non si prestava a fare della *reclame.*

E non si farà in un prossimo domani per le altre scienze quello che si è già fatto per la medicina?

Anche la letteratura trova i suoi vantaggi nella diffusione dello *Esperanto.* Se la «*Lingvo Internacia*» da undici anni e «*L'Esperantiste,*» e il «*British Esperantist*» pubblicano un supplimento letterario; la «*Tra la Mondo*» dell'amico Montrosier, è intieramente dedicata al culto delle lettere. È una rivista mensile illustrata, elegantissima, nella quale troviamo pregevolissimi scritti di autori svedesi, siberiani, islandesi etc. perperfettamente sconosciuti a noi. * Avremmo noi potuto mai venire in contatto con queste letterature senza l'ajuto dell'Esperanto? Studiare le loro lingue? Troppo lusso. Aspettare le traduzioni? Le faranno? e poi la traduzione di un opera letteraria, specialmente se poetica, non ha lo stesso pregio di una copia da un soldo della «*Madonna della Seggiola*» del Rafaello?

La letteratura e la scienza ricaveranno un grandissimo beneficio dalla divulgazione dell'Esperanto ancora nel modo seguente. Gli scrittori vergheranno le loro opere in esperanto. Invece di fare una edizione limitata con tante traduzioni limitate si farà addirittura una edizione stereotipata con un numero stragrande di copie; risparmiando in questo modo molta fatica e molto denaro. E parteciperemo anche noi altri di questa economia: perchè il libro che prima, per la edizione limitata e per le spese della traduzione, costava dieci franchi ora grazie alla pubblicazione in esperanto di tante migliaja di copie non verrà a costare più della metà. E noi potremo consultare questa opera anche il giorno stesso della sua circolazione essendo rese perfettamente inutili le forche caudine delle traduzioni.

Verrà sì, verrà il giorno tanto desiderato, ed io lo auguro di tutto cuore pel bene di tutta la sofferente umanità, in cui tutti i pensatori del mondo non rivestiranno le loro fulgide idee che di un sol manto sericeo—l'*Esperanto!*

Enumeriamo un altro vantaggio che la *Kara lingvo* apporta alla letteratura e passiamo oltre.

L'Esperanto comprende in se tutte le radici comuni a tutte le altre lingue principali d'Europa, perchè esso non è altro se non l'ariano modificato per soddisfare alle esigenze dei moderni studî di filologia e di linguistica. Ora quando uno conosce bene tutte queste radici ha già acquistato un bel cumulo di parole esistenti, alquanto modificate, nelle altre lingue. Anche la grammatica e la sintassi sono il tipo logico di quelle degli altri idiomi, ed in modo speciale del latino e de' suoi sette armoniosi rampolli. E quindi l'Esperanto se non presenta, come vogliono sostenere alcuni, un interesse per se stesso; dovrebbe almeno venire insegnato nelle scuole come lo appianatore della via per altre lingue più difficili ed astruse.

* * *

Ho fatto un breve cenno già di diversi periodici esperantisti; ma ci sono altri che meritano una rapida menzione, ed è questo il momento più propizio per parlare di queste effemeridi letterarie.

Ecco l'«*Espero Katolika,*» l'organo del Cattolicismo, diretto dall'indefesso pioniero Abate Emile Peltier. * Anche i giovani hanno il loro «*Juna Esperantisto*» diretto dal giovine Privat di Ginevra: e quelli che nobilmente anelano alla tanto sognata pace universale hanno l'«*Espero Pacifista*» diretta dall'illustre Gaston Moch del quale avremo occasione di fare un onorevole cenno più in avanti.

Ma per me il periodico esperantista più curioso e filantropico è quello, per i ciechi, la «*Esperanta Ligilo,*» che si pubblica a Parigi insin dal maggio del 1904.

Sì signori, anche i ciechi sono entusiasti dell' *Esperanto,* e perchè?

Il cieco è doppiamente infelice: perde la funzionalità del più prezioso de' suoi organi, e come conseguenza, viene dandato all'isolamento spirituale più cupo, più tormentoso.

Da quando il generoso Braille ha votato eroicamente la sua esistenza nobilissima a lenire alquanto le pene di questi derelitti paria della natura, la loro sorte crudele si è mitigata un poco. L'invenzione dell'alfabeto in rilievo ha dato loro l'agio di poter ricreare lo spirito leggendo o anche corrispondendo con altri infelici loro pari.

Ma la stampa di questi libri in rilievo è molto costosa; la circolazione molto limitata. Quindi pochissimi libri potevano cadere nelle mani di questi disgraziati sempre torturati dalla sete tantalica di sapere quello che succede in quel mondo, pieno di fascini e di luce, dal quale furono, per reo destino, barbaramente strappati. La loro povertà, essendo incapaci a procacciarsi la vita, peggiorava le circostanze.

Ma ecco che un altro fervente apostolo si mette avanti per porgere una mano amica ai poveri ciechi come lui. Il giovane svedese Thilander, al quale porgo le mie più affettuose espressioni di simpatia, iniziò nel giornale svedese pe' ciechi «*Deblindas Veckoblad*» una entusiastica crociata per l'addottamento dell'esperanto da tutti i ciechi del mondo. In questo modo potevano avere più libri ed a molto buon prezzo.

*(Continua.)*

* *Oggi morta per causa di boicottaggio perchè il Montrosier era favorevole per le riforme. La «Internacia Scienca Revuo» cessò pure di comparire.*

* *Ardente riformista, oggi morto.*


# GHAL DAUC LI JILAGHBU IL-LOTTU.

Daun jahsbu illi din hija it-triek l'actar facili biex uiehed jista jaghmel il fortuna tieghu mentri hija it-triek li spiss tuassal biex tirrovina lill familji. Jecc uiehed jirrifletti illi min jilghab ambo jista jirbah fost 4005, min jilghab tern jista jcun fortunat fost 117,480 u min jilghab quatern ijcun fortunat fost 2,555,190 chiecu sgur li hadd ma chien jilghab flusu taht daun il condizionijiet u ma chienx jippreferixxi IS-SELF tal flus bi PREMJI; b'daun il probabiltà li uiehed jirbah hija bil bosta actar facili, il premji bil bosta acbar, u fl-ahhar dac li hu actar INTERESSANTI hu illi il flus li uiehed johrog ma jcunu katt mitlufa, anzi spiss jigri li jcun rimborsat id-doppiu. It-titoli Panama u Congo huma l'actar interessanti ghaliex ghandhom sitt estrazjonijet fis-sena u il premji huma colossali, huma jigu mibjugha b'rati mensili ta 5sc. bid-dritt li uiehed jista jipparteccipa m'il premji sa mil'euuel pagament.

DIFFIDA—id-Ditta haun taht iffirmata hija biss responsabbli ghall contratti li jgibu il firma tas-sottoscritt: cull cuntratt iehor m'hux riconoxxut validu, u jcun inutili cull tgemgim.

Min ijrid informazjonijiet ohra ghandu jmur ghand

C. BORNACCINI

119, Strada Teatro, Valletta.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

«Iżda meta De Saqŭeville beda jaghmel is seduti ta' cull ŭaħda ma' Żafira u beda jkatta is-sieghat biex ma nghidx il-ljieli sħaħ maghluk f'id-dlam biex jitghallem dac il gherf ta'l ghaġeb taghha, bdiet titnissel f'kalbu lejha ġibda l-actar cherha, li b'il ftit il ftit chibset sa' saret ħuġġieġa l-actar kalila b'mod li id-dħaħen coroħ taghha bakghu tielghin ghall moħħu u ma ħalleŭlux dehen b'iż-żejjed biex ijcun jaf x'inhu kieghed jghid jeŭ jaghmel. Jecc is-sacra ta'l imbit hi cherha dic ta'l imħabba, Pin, hi ŭisk aghar minnha. Żafira, chif ghidna, ma chienetx xbejba ta' ġmiel cbir cbir, iżda chienet ghadha fl isbaħ ta' xbubitha u chellha f'demmha, u f'il krolli fommha, u f'is-saħħara ghajnejha, tant hleŭŭa kaŭŭija li chienet tobrom ġo'x-xbiec taghha lil cull min chien jersak lejha. Barra minn dana billi trabbiet f'il fakar u tiġri dejjem ma'r-riġlejn u kalb l-irġiel li chienu jiġu jitcheŭtlu ma' missierha, tħarrġet u tghallmet il ħażen u il kerk ta'd-dinja bla ma riedet u ghalhecc il ħarsa u it-tbissima taghha ma chienux safjin bħal dac ta' Rużanna; iżda chienu mfaŭŭrin b'cull xeŭka u xi dakkiet b'cull ħiena ucoll.

Żafira, billi chienet taf tghodd sa'l ghaxra, intebħet ma'l eŭŭel dakka ta' ghajn, li De Saqueville chellu il borża cbira; u billi trabbiet f'il ghacs u ghalhecc saret tħobb ŭisk il flus, bdiet tmellsu u iżżieghel bih biex tara chif tisolħu bla ma tħallih jintebaħ.

«De Saqŭeville chien żaghżugh fieraħ u li jżommha ŭisk. Chellu f'rasu il marda li chien sabiħ donnu xemx u li cull mara li titta ghajnejha fuku chellha trid jeŭ ma tridx tintilef ŭarajh. Ta's-seŭŭ li chien nieżel minn ŭieħed m'il actar nobbli u ghonja ġiddijiet ta' Franza, ta's-seŭŭ li chien ghadu fl-isbaħ ta' żghużitu, actarx sbejjaħ, gholi donnu blandun, mibrum ŭajjeb, imħarreġ ħafna f'cull tghallim u ta' mġieba li tisrak il klub, iżda billi chellu rasu sħuna fuk dana chien jara collox actar cbir u ghalhecc chien jidhirlu li fejn ijcun hu cullħadd ghandu jaghmillu il ŭisa u li cappellu ma chellu jmejjilulu ħadd.

«Xejn ma hemm x'ŭieħed x'jistaghġeb mela, Pin, jecc ittelfa lejh ta' Żafira ħehimha ġibda ta' mħabba f'loc li fissirha chif chien ijmissu, sengha ħajjna biex tkaxxarlu il but, u ghalhecc beda joħla ghaliha u jsaħħan rasu xi ftit ucoll.

«Ma dina dehirlu li it-triek biex jasal fejn kaltlu il bluħa ta' żghużitu chellha tcun kasira u ŭietja ħafna u ghalhecc beda jxaħħamha seŭua biex actar jasal malajr. Iżda tkarrak u bl-icreħ. Żafira riedet iva tixmiclu ġidu iżda ġibda lejh ma chellhiex, u barra minn dana kalbha chienet ġa ittajjret u rasha saħnet ghal Matteŭ Falzun li chien żaghżugh ħlejju u minn taghna ta's-seŭŭ. Biss ħbiet dana in-nar ta' mħabba kalila li chibes f'kalbha, ŭaħda ghaliex chienet taf li ma chienetx ta' mparu u ghalhecc ma chelliex il ŭiċċ li tistkarrulu, u it-tieni ghaliex fehmet li chienet sejjra tkajjem ghejra cbira bejn daŭe iż-żeŭġ ħbieb u b'hecc tnissel l-infern bejniethom. M'il banda l-oħra Matteŭ chien żaghżugh tuajjeb daks il ħobż u li ma chienx ghadhom daħlulu flieles ta' ħażen ġo rasu, u billi chien kieghed ijfittex lil Żafira biss ghal daca li chien kieghed jitghallem minn ghandha ma intebaħ xejn ghal l-eŭŭel b'il ġibda cbira taghha lejh u ghalhecc, ghal xi żmien, collox baka miexi harir.

«Iżda, Pin, l-imħabba hi b'ħa'n-nar; jecc ma jidhirx l-ilsien ijħaġġeġ, toħroġ m'ix-xkuk id-daħna tieghu, jeŭ jecc ma tisimghux ijfernak tħoss meta tersak lejh is-sħana tieghu. Hecc ġralhom Żafira u Matteŭ, li billi chienu jkattghu flimċhien is-sieghat sħaħ bakghu jiżżerżku b'il ftit il ftit sa hi ŭrietu li chienet mitlufa bl-imħabba ghalih u sa hu ixxaŭŭat xi ftit ucoll b'dic il-longa kaŭŭija li chienet toħroġ ma' cliemha u f'ghamilha.

«Ghal l-eŭŭel Matteŭ żamm jebes ghaliex ħass li ma chellux jorbot kalbu u jaħli moħħu ma' żingarella bħal dic. Iżda l imsejchen, ghad li chien fi-isbaħ snin ta'l imħabba, ma chien ghadu ħabb il l-ebda mara u ghalhecc l-eŭŭel uaħda li ġiet taħt idejh żejjinha b'cull leŭn u b'cull tiżŭiek li gharfet ticsiha bihom is-setgha kaŭŭija ta'l ħolm tieghu u beda jsensel ma' kalbu il ctajjen ħorox ta' dic it-telfa li meta tghammdilna ghajnejna ma tħalliniex nafu actar x'incunu kieghdin naghmlu f'il ħajja.

«Jecc Matteŭ kabel chien kieghed ijmur ghand Żafira ta' sicuit imħabba f'it-telfa cbira li chellu ghal dac li chien kieghed jitghallem minn ghandha, issa żdiedet telfa oħra m'hux ankas kalila m'il oħra, u b'hecc inxteħet għandha, b'ir-ruħ u il ġisem, tant bl-icreħ li niesu bdeŭ jieħdu ħsiebu seŭŭa.

«Matteŭ ħeba chemm felaħ ghaliex chien jaf li jecc jintebaħ xi ħadd minnhom m'hux biss li kieghed jilgħab ħajjtu f'dac isseħer iżda ucoll li sensel kalbu ma' kalb Żafira, li chienet maghduda minn cullħadd bħala mara ħajjna u nvażata, chien sgur jaktaghlu rasu bla telf ta' żmien xejn. Ma dana nibbtet il gheruk seŭŭa il ghejra kalila tieghu lejn De Saqŭeville. Chien jaf li Żafira chienet tirgheb ħafna ghall flus u chien xamm ucoll li il Cavalier chien kieghed ijxeŭlħilha ġo ħġorha il gordi kabda kabda biex ijfittex jiġbidha lejh u jaghmilha tieghu. Hu, ghad li niesu chienu ghonja katiħ, ma satax ijcollu flus f'idejh bosta bla ma jħassibhom ħażin u ghalhecc baża li Żafira sejjra iddur ma'l Cavalier u lilu tħallih mirfus b'xiber imnieħer.

«Ŭara li katta bosta ljieli jtalla u jniżżel x'ghandu jaghmel u chif ghandu jsib tarf dina il ġażżra mħabbla, ŭaħħalha f'rasu li ghaudu jicrilha f'loc fejn ma jcunx jista jsibha De Saqŭeville jeŭ jecc ma tridx jitlakha kabel imħabbtu tidħol actar ii ġeŭŭa, u sa chemm ijdum ħajj ma jħarisx lejn ŭiċċha actar. Malli kal dana lil Żafira dina m'hux biss kalet iva iżda ġabret il flus li chien taha il Cavalier collha, ghamlithomlu borġ fuk il mejjda u ġieghlet lil Matteŭ li jictbilha carta biex tfiehmu li hi b'il gordi ma tinxtarax, li ma tħobbx lilu iżda lil ħaddieħor u li ma chellux ghax jicsrilha rasha actar.

«Matteŭ meta ra hecc feraħ bla tarf, ghannakha u biesha b'id-dmugh f'ghajnejh u hi ucoll urietu chemm chienet cbira u kalila l-imħabba li chebbset fi sdirha lejh. Ŭara li damu hecc ghal bosta ħin mitlufa f'dic ix-xeghba ta' mħabba, Matteŭ ħareġ biex ijsib jicri f'xi loc imŭarrab krib lejn l-Imdina iżda li ma tantx ijcun jati f'il ghajn; u ghaŭŭar minn haŭn u berren minn hemm fl-aħħar sab cmajra ta'r-raba f'tarf Ħal Tartarni u criha. Malli raxx id-dlam seŭŭa kabbdu raġel ijġorrilhom fuk carrettun l-erba xarbitelli li chellha u ħalleŭ il cmajra mgharŭna l-art u is-sakaf, b'il mejda biss f'nofsha, b'il flus u il carta mictuba, u telku collhom ferħana lejn il bejta il ġdida ta' mħabbithom bla ma katt ghadda minn ġo iż-żaghżugh moħħhom chemm chienu ghad ijridu jħallsuha kares b'ħajjithom dic iddakka ta' ħarta ħarxa li chienu f'dic il-lejla mishuta taŭ lil De Saqŭeville.

«Meta daħal ftit il-lejl seuŭa il Cavalier, imgeżuer f'mantell cbir isŭed, ġie bħal dari biex ijkatta il ghaxja ma' Żafira; u billi chellu muftiħ ghalih biex ma jokghodx ijħabbat fetaħ bla ħoss, daħal u tebak il bieb b'il mod ŭarajh. Meta ra collox f'iddlam u ma sama leħen ħadd kalbu ghamlet ticc u ħabbritu li chien ġara xi ħaġa mghaŭŭġa. Biss katt ma ghaddielu minn moħħu f'elf sena li Żafira chienet laghbitu hecc bl-icreħ, billi sa'l jum ta' kabel, biex tixmiclu il flus, chienet tatu x'jaħseb m'hux biss li tħobbu ħafna iżda li ma iddumx ma issir tieghu ghal collox ucoll. Chesaħ silġ u beda jirtogħod bħal xakk ta' kasba meta leħħ ġo rasu il ħsieb li xi ħadd m'il ŭidnejn ta'l Ingiżi-

## St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭara il meŭt tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġŭann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal għal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Dauc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru bic-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghad-deŭ tnienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħiia ta's Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

## IR-RUĦ NISRANIJA KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

SIEGĦAT TA' ADORAZJONI

TA'L

**CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.**

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ għal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ għa't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħrogħa. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGĦMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

**50 u 51 Strada Mercanti il Belt**

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA

IRONMONGERY STORES AND CHEMICALS DEPÔT
BRITANNIA
TRADE MARK
EST? 1909
109, STRADA IT-TORRI SLIEMA MALTA

BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

**IPPURIFICAU**
**BIDDLU**
**u SAHH'HU**

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'sahhitom minnghajr ma jinhakru b'cull xorta ta' mardijiet ghandhom jiehdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn ghand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn ghand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26, Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'GHOXRIN ġurnata jiehu

**L'ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara ghaxar snin ugiegh ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun ghaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li şejrin insemmu ippruvaûh tukhom stess jeû fuk xi hadd iehor u hargu jiftahru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. C. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u hafna ohrajn.

Jinbigh fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT
(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

ghandu ghal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgha, żjut, imsiemer, ghodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilghu b'il matel b'daûl kaûûi u sabih ûisk u hafna hûejjeġ ohra bhal daûn ta'l ahjar qûalità u bi prezzijiet m'il orhos. Ippruvaû biex taraû chif tohorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEÛ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

**METAL POLISH "PHONIX"**

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEÛ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjah is-seclu taghna il gharef Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu ghaliex il-lum ma haûn hadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il miskuta**

NEVRASTENIJA

**li kieghda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Ghalhecc l-ahjar tobba kieghdin jithabtu biex ijsibu cura seûûa ghal dina il marda ghaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaû iżda hadd ma irnexxa daks il gharef u imfahhar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kieghed ijfejjak jeû jaghmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbighu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
**IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.